MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 242/2006

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-24 ta' Lulju, 2006 li permezz tiegħu A esponiet bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fl-24 ta' April, 1999, skond kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom illi kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dan ir-Rikors u esebita u mmarkata bħala Dok. A, u sseparaw bonarjament permezz ta'

kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar John Spiteri, fis-16 ta’ April tas-sena 2002, u dan kif jidher mill-kopja tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali, li qed tiġi annessa ma’ dan ir-Rikors, u esebita u mmarkata bħala Dok. B;

2. Illi l-attriċi saret taf u bdiet toħroġ mal-konvenut, li kien l-ewwel *boyfriend* serju tagħha, meta kellha sbatax (17)-il sena. Meta l-partijiet iżżewġu, l-attriċi kien għad kellha biss tlieta u għoxrin (23) sena, mentri l-konvenut kellu tmienja u għoxrin (28) sena, u minn din l-unjoni, illi damet biss tliet (3) snin, ma kienx hemm tfal;

3. Illi l-attriċi, sa minn ċkunitha, kellha *self-esteem* baxx ħafna. Il-familja tagħha, għalkemm dejjem rabbewha sew, ma kinux tat-tajjeb u l-attriċi kienet tħossha kerha, injoranta għax qatt ma riedet taf bi skola, u ħoxna. Għalhekk meta, ta’ sbatax (17)-il sena sabet ġuvni mill-Universita’ li jrida, avolja ma kienx ħelu jew ippersunat, bdiet tara l-possibilita’ ta’ ħajja ta’ sinjura, bħala mart professjonista, li kulħadd fis-soċjeta’ kien ser jirrispettaha. L-attriċi kienet tħoss illi l-konvenut “se jagħmilha nies” u dawk ta’ madwarha kienu jġiegħluha tħossha iktar u iktar hekk;

4. Illi l-konvenut kien raġel ta’ skola, ġej minn familja li ma kinux ħafjin, u kien bieżel u ġeneruż. Għalhekk, għalkemm fil-verita’ l-attriċi ma kinitx issibu attraenti u ma kinitx tħoss li tħobbu, baqgħet miegħu;

5. Illi b’danakollu, il-konvenut – għaliex kellu l-iskola, u anke għaliex kien tifel uniku u kellu ndħil esaġerat minn ommu, li donnha bl-ebda mod ma riedet titilqu minn taħt idejha – dak kollu illi kienet tagħmel l-attriċi qatt ma kien tajjeb jew biżżejjed għalih. Omm il-konvenut kienet tmexxih minn imnieħru u kienet dejjem tmaqdar lill-

attriċi, u tgħid lill-konvenut kemm l-istess attriċi kienet, skond hi, baxxa u injoranta, u kemm kien qed jintrema għaliex kien se jieħu lilha meta seta’ sab tant aħjar minnha;

6. Illi l-konvenut lill-attriċi kien iġiegħlha tħossha wisq inferjuri. Ħlief kritika mingħand il-konvenut, u wkoll mingħand ommu, l-attriċi ma kienx ikollha. Anke biex tikteb sempliċi kartolina tal-Milied, il-konvenut kien jiċċekkja lill-attriċi – jara xi xtrat u x’kitbet għaliex kien jgħidilha li hi ma tifhimx u li taf tagħmel xi ħaġa li twaqqalu wiċċu l-art;

7. Illi l-konvenut u ommu kienu jippruvaw jikkontrollaw lill-attriċi f’kollox – kif tilbes, kif iġġib ruħha, x’tgħid jew ma tgħidx, kif iżżomm id-dar. barra minn hekk, il-konvenut kien iżomm lill-attriċi fl-għama dwar dak kollu illi kien jagħmel għaliex kien jgħidilha li hi ma tifhimx, u li sakemm qed iżommha tajjeb u ta’ sinjura, ma kellhiex għalfejn tgerger jew tindaħal. Biżżejjed jingħad illi l-konvenut lanqas biss involva lill-attriċi fl-għażla u x-xiri tad-dar matrimonjali, u wisq anqas fil-mod kif arma d-dar – “mhux jien se nħallas?” kien weġibha meta ffaċċjatu dwar dan. Ovvjament, omm il-konvenut ma qagħditx lura milli tkompli ma’ binha dwar dan u kienet tgħid li l-gosti ta’ l-attriċi kienu ħamalli;

8. Illi dan kollu kien iġiegħel lill-attriċi tħossha aktar imdejqa, li mhix kapaċi u li hi tiddependi għal kollox mill-konvenut, għaliex jekk tħassar minn miegħu, hi ma kienet se ssib lil ħadd min jiġborha u tibqa’, kif jgħid il-Malti, fuq l-ixkaffa;

9. Illi fid-dawl ta’ dan kollu, il-ġlied matul l-għerusija kien komuni ħafna bejn il-partijiet. Effettivament, kull meta l-partijiet kien ikollhom argument fuq l-iċken ħaġa waqt l-

għerusija, kienu jispiċċaw bit-tgħajjar u x-xenati, u l-konvenut kien isib kull skuża biex iħassar. F'dawn l-okkażjonijiet, l-attriċi li kienet imwerwra li se tibqa' waħedha, kienet tagħmel minn kollox biex tikkonvinċieh jerġgħu flimkien. Il-konvenut kien jitla' fuq pedestall kull meta jkun hemm argument, u dejjem kien ikollha tkun l-attriċi illi ċċedi u titolbu jerġgħu flimkien, akkost ta' kollox, u bil-kundizzjonijiet tiegħu. Mhux darba u tnejn ukoll illi l-konvenut kien jgħid lill-attriċi li reġa' rranġa magħha mhux għax kien iħobbha imma għaliex kien jitħassarha;

10. Illi għandu jingħad illi, matul ir-relazzjoni kollha tagħhom, minħabba dak kollu fuq premess u speċjalment għaliex l-attriċi ma kinitx attratta lejn il-konvenut, ir-relazzjoni sesswali tal-partijiet kienet batuta u għal perijodi twal ineżistenti għaliex l-attriċi ma kinitx tieħu gost meta l-konvenut kien ifittixha għall-att taż-żwieġ. Pero', l-attriċi kienet tistħi tammetti dawn l-affarijiet mal-konvenut, u kienet tibża' tgħidlu għaliex kienet tibża' illi jitlaqha u hi tispiċċa waħedha għal għomorha;

11. Illi l-konvenut kien jaħdem sigħat twal ħafna, u qatt ma kien juri interess fl-attriċi u f'dak illi kellha xi tgħidlu, għaliex f'għajnejh, peress illi huwa kien studja l-universita' u hi le, l-attriċi ma kienx ikollha suġġetti interessanti x'titkellem fuqhom. Meta fl-aħħar jiġi mix-xogħol, u l-attriċi tibda tipprova tkellmu, il-konvenut kien bil-kemm jirrispondiha, u jintefa' quddiem it-televixin qisha d-dinja ta' madwaru ma teżistix – dan kemm qabel u kif ukoll wara ż-żwieġ;

12. Illi għall-konvenut, l-attriċi kienet biss il-bniedma illi toqgħod id-dar u teħodlu ħsieb il-ħwejjeġ u t-tisjir, u eventwalment it-tfal tiegħu. Anke fl-għerusija, kien juriha biċ-ċar illi dan li kellu f'moħħu għaliha. L-attriċi,

mil-banda l-oħra, kienet tibża' illi jekk ikollha t-tfal, mhux talli tispiċċa msakkra ġewwa minn filgħodu sa filgħaxija, issefter issa wara żewġha u t-tfal ukoll, talli titlef il-figura

tagħha u ssir ħoxna u iktar kerha. Għalhekk l-attriċi kienet daħħlitha f'rasha, sa minn qabel iż-żwieġ, illi ma riditx tfal. Kienet taħseb illi jekk hi u l-konvenut ikollhom it-tfal, dawn kienu wkoll se jkunu koroh ħafna. Tant l-attriċi ma riditx li jkollha tfal illi sa minn qabel iż-żwieġ, kienet bdiet tieħu l-pillola kontraċettiva. Ovvjament l-attriċi lill-konvenut qatt ma qaltlu xejn dwar dan għaliex hu kien dejjem joħlom u jiffanfra dwar x'ser jagħmel meta jkollu t-tfal – kif ser jibgħathom l-aqwa skejjel, isifirhom, jibnilhom dar kull wieħed u affarijiet simili. Għalhekk l-attriċi qarrqet bil-konvenut dwar il-fatt li ma riditx ikollha tfal għaliex kienet taf illi altrimenti l-konvenut kien jitlaqha;

13. Illi għalhekk, meta tat il-kunsens tagħha għaż-żwieġ, l-attriċi kienet taf illi ma tħobbx lill-konvenut u fil-fatt ma xtaqitx tiżżewġu iżda għamlet hekk biss għaliex ma rieditx tibqa' waħedha ħajjitha kollha. B'danakollu, l-attriċi żżewġet bil-ħsieb ċar f'moħħha illi qatt u qatt ma jkollha tfal mill-konvenut;

14. Illi, mill-banda l-oħra, il-konvenut ma kienx tajjeb għaż-żwieġ, imma biss biex jibqa' t-tifel t'ommu, immexxi minnha f'kollox, u jagħmel lill-attriċi s-seftura tiegħu (għalkemm mhux li jħalliha nieqsa mill-flus), u dan kif jista' jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

15. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attriċi.

16. Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fl-24 ta' April, 1999, jiġi ddikjarat null u bla effett skond il-Liġi, għar-raġunijiet

fuq premessi, u senjatament stante illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-oħra li setgħet mix-xorta tagħha, tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(c) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ ta' l-1975;

17. Illi ż-żwieġ tal-kontendenti huwa null ukoll peress illi l-kunsens taż-żewġ partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja illi għamlitha impossibbli għall-istess illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ;

18. Illi ulterjorment, iż-żwieġ tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Liġi, għall-fini ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ, stante illi l-kunsens tal-partijiet, u ċertament dak ta' l-attriċi, ingħata bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Għaldaqstant l-attriċi, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti nhar l-24 ta' April, 1999 huwa null u bla effett fil-Liġi għall-fini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1)(c), (d), u (f) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppreżentax risposta u għalhekk huwa kontumaċji skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taz-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' April 1999 a bażi ta' l-Artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-konvenut huwa kontumaċji u ma ressaqx provi iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni iżda japplika iżjed f'każ fejn il-konvenut huwa kontumaċji u għaliex hu risaput illi l-kontumaċja fl-ordinament ġuridiku tagħna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli ċitati mill-attriċi jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra li mix-xorta tiegħu jista' jfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja

psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Mill-provi mressqa mill-attriċi jidher li hija qatt ma ħabbet lill-konvenut u żżewġitu għaliex ħasset li qed tagħmel akkwist ta' raġel professjonist fil-waqt li hija kellha *self-esteem* baxx. L-istorja li toħroġ minn din il-kawża hija waħda ta' swied il-qalb u l-partijiet ċertament kienu, kif jgħidu bl-Ingliż, *ill matched.* L-attriċi ħasset ukoll sens ta' inferjorita' fil-konfront tal-familja tal-konvenut u qatt ma ħassitha komda. *Ex admissis* ma riditx ikollha tfal, għalkemm iddispjaċiha meta ħarġet tqila u korriet. Għalkemm hija titfa' ħafna tort fuq il-konvenut, hija m'hijiex nieqsa minn dan ukoll u jekk ma kinitx tħobb lill-konvenut u iktar u iktar ma riditx li jkollha t-tfal minħabba li tibża' li titlef il-figura tagħha ma kienx messha żżewġitu.

Il-fatt li parti tkun iżżewġet bil-ħsieb li ma jkollhiex tfal huwa biżżejjed biex żwieġ jiġi annullat – ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet <u>Anna Galea vs John Walsh</u>, deċiża fit-30 ta' Marzu, 1994.

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti jeżistu r-rekwisiti taħt is-sub-artikoli fuq imsemmija biex iz-żwieġ jigi dikjarat null.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fl-24 ta' April, 1999. L-ispejjeż ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------